Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fit-18 ta' April 2013[1]

**Kawża C-115/12 P**

**Ir-Repubblika Franċiża**
**vs**

**Il-Kummissjoni Ewropea**

"Appell — Fondi strutturali — Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Għajnuna strutturali tal-Unjoni fir-reġjun ta' Martinique — Tnaqqis ta' għajnuna finanzjarja — Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37/KEE — Kuntratti pubbliċi — Koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet — Sussidju dirett ta' kuntratt għal xogħlijiet mogħti minn organu privat — Faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment — Xogħlijiet ta' tiġdid u ta' estensjoni ta' kumpless ta' lukanda operat minn individwi"

## I – Introduzzjoni

1. F'liema ċirkustanzi proġetti ta' kostruzzjoni ta' individwi li fil-parti l-kbira tagħhom ikunu ssussidjati jew iffinanzjati mill-awtorità pubblika huma suġġetti għal proċedura ta' għoti ta' kuntratt skont id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi? Il-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab tagħti deċiżjoni dwar din il-kwistjoni ta' liġi, li għadha fil-parti l-kbira mingħajr risposta, fil-kuntest ta' dan l-appell li jikkonċerna l-użu ta' flus minn wieħed mill-fondi strutturali Ewropej.

2. Il-kawża toriġina minn proġett ta' kostruzzjoni privat tal-2003 fir-reġjun Franċiż ta' Martinique li kellu bħala għan it-tiġdid u l-estensjoni ta' villaġġ tal-vaganzi operat minn kumpannija privata. Dan il-proġett ta' kostruzzjoni kien iffinanzjat għal iktar minn 50 % mill-awtorità pubblika, b'mod partikolari bil-flus tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).

3. Peress li deher li l-proġett ta' kostruzzjoni inkwistjoni twettaq mingħajr proċedura ta' għoti ta' kuntratt minn qabel fis-sens tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, il-Kummissjoni Ewropea neħħiet l-għajnuna finanzjarja tal-FEŻR bid-Deċiżjoni C (2010) 5229, tat-28 ta' Lulju 2010[2] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"). Meta għamlet dan, hija invokat il-prinċipju li finanzjament minn fondi strutturali Ewropej jista' jingħata biss għal proġetti li jkunu konformi mal-politika tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi. Minn dak iż-żmien lil hawn, Franza u l-Kummissjoni ma jaqblux dwar jekk id-dritt fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi jeħtieġx tabilħaqq proċedura ta' għoti ta' kuntratti għax-xogħlijiet ta' tiġdid u ta' estensjoni ta' villaġġ tal-vaganzi privat.

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 5229, tat-28 ta' Lulju 2010, dwar it-tneħħija parzjali tal-għajnuna mogħtija mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR); abbażi tad-dokument uniku ta' programmazzjoni tal-objettiv 1 għal għajnuna strutturali Komunitarja fir-reġjun Franċiż ta' Martinique.

4. F'dan ir-rigward, huwa determinanti li jsir magħruf jekk, mil-lat tad-dritt tal-kuntratti pubbliċi, il-villaġġ tal-vaganzi inkwistjoni jistax jiġi kklassifikat fil-kategorija ta' "faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment". Fil-fatt, speċjalment fir-rigward ta' dawn il-faċilitajiet, id-dispożizzjonijiet tad-dritt fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi għandhom jiġu osservati, anki meta l-kuntratt għal kostruzzjoni jingħata minn individwi, bil-kundizzjoni li l-proġett inkwistjoni jkun direttament issussidjat għal iktar minn 50 % mill-awtorità pubblika.

5. Barra minn hekk, għandu jiġi mistoqsi jekk tnaqqis fit-taxxi jistax huwa wkoll jitqies bħala sussidju dirett fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

## II – Il-kuntest ġuridiku

6. Il-kuntest ġuridiku tal-kawża huwa ddeterminat bid-Direttiva 93/37/KEE[3]. L-Artikolu 2 tagħha jipprovdi[4]:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jaraw li l-awtoritajiet ta' kuntrattar [kontraenti] jaqblu jew jasssiguraw li jkun hemm qbil ma' din id-Direttiva meta huma jissussidjaw direttament b'aktar minn 50 % kuntratt tax-xogħlijiet mogħti minn entità apparti minnhom infushom.

2. Il-paragrafu 1 għandu jikkonċerna biss kuntratti koperti mill-Klassi 50, il-Grupp 502, tal-klassifikazzjoni industrijali ġenerali ta' l-attivitajiet ekonomiċi fi ħdan in-nomeklatura tal-Komunità Ewropea [Nomenklatura Ġenerali tal-Attivitajiet Ekonomiċi fil-Komunitajiet Ewropej] (NACE) u kuntratti relatati ma' xogħol ta' bini għal sptarijiet, faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment, skejjel u universitajiet u bini użat għal skopijiet amministrattivi."

7. Għal finijiet ta' kompletezza, għandu jiġi ċċitat l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 93/37, li huwa fformulat kif ġej:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

(a) 'kuntratti ta' *xogħlijiet pubbliċi* [kuntratti *pubbliċi għal xogħlijiet*]' ifissru kuntratti għal interess tal-flus konklużi bil-kitba bejn il-kuntrattur u l-awtorità ta' kuntrattar [kontraenti] kif definit f'(b), li għandhom bħala għan tagħhom jew l-attwazzjoni, jew l-attwazzjoni u d-disinn, ta' xogħlijiet [...] jew xogħol definit f'(ċ) taħt, jew l-attwazzjoni, [...] ta' xogħol li jikkorrispondi mal-kondizzjonijiet speċifikati mill-awtorità ta' kuntrattar [kontraenti]".

3 — Direttiva tal-Kunsill 93/37/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkonċerna l-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 163). Minn dak iż-żmien lil hawn, din id-direttiva tħassret u ġiet issostitwita bid-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132) li kellha tiġi trasposta sa mhux iktar tard mill-31 ta' Jannar 2006. Madankollu, f'dan il-każ, hija d-Direttiva 93/37 li għadha applikabbli għaliex l-għoti tas-sehem mill-FEŻR lill-proġett ta' tiġdid u ta' estensjoni tal-villaġġ tal-vaganzi "Les Boucaniers" jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tagħha.

4 — Attwalment, l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/18, li huwa applikabbli mhux biss għall-kuntratti għal xogħlijiet imma anki għall-kuntratti għall-għoti ta' servizzi, madankollu fiż-żewġ każijiet 'il fuq minn ċerti limiti, jinkludi dispożizzjoni essenzjalment identika.

8. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/37 huma applikabbli għal dan il-każ permezz ta' referenza fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali tal-Unjoni [5]. Dik id-dispożizzjoni, intitolata "Kompatibilità" tipprevedi:

"Operazzjonijiet li jkunu qegħdin jiġu finanzjati mill-Fondi jew li jkunu qegħdin jirċievu għajnuna mill-BEI jew minngħand strument finanzjarju ieħor għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, ma' l-istrumenti addottati taħtu u mal-linji politiċi u l-azzjonijiet Komunitarji, inkluż ir-regoli dwar il-kompetizzjoni, dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi, dwar il-protezzjoni u t-titjib ambjentali u dwar l-eliminazzjoni ta' l-inugwaljanzi u l-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa."

## III – Il-fatti li wasslu għall-kawża

9. Société martiniquaise des villages de vacances (SMVV) topera, fir-reġjun Franċiż ta' Martinique, il-villaġġ tal-vaganzi "Les Boucaniers" ta' Club Méditerranée. Fl-2003, SMVV iddeċidiet li ġġedded u testendi dan il-villaġġ. L-ispejjeż tax-xogħlijiet ġew stmati għal EUR 49.98 miljun.

10. Għal dan il-proġett, ingħataw madwar EUR 2.5 miljun mir-reġjun ta' Martinique u, anki, madwar EUR 16.69 miljun f'vantaġġi fiskali mill-Istat Franċiż [6]. Bid-Deċiżjoni C (2004) 4142, tat-18 ta' Ottubru 2004, il-Kummissjoni min-naħa tagħha, iffissat l-għajnuna finanzjarja tal-FEŻR għal EUR 12.46 miljun, jiġifieri 24.93 % tal-ispiża totali eliġibbli tal-proġett.

11. Madankollu, wara kontroll li sar fl-2007, il-Qorti tal-Awdituri Ewropea kkontestat l-għoti tal-flus tal-FEŻR mingħand il-Kummissjoni minħabba li, bi ksur tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37, ix-xogħlijiet ta' tiġdid u ta' estensjoni tal-villaġġ tal-vaganzi "Les Boucaniers" ma kinux suġġetti għal proċedura ta' għoti tal-kuntratt meta l-proġett kien iffinanzjat sa 63.33 % bl-għajnuna mill-awtorità pubblika.

12. Dawn l-oġġezzjonijiet taw lok għal skambju ta' ittri pjuttost twil u fl-aħħar nett wasslu lill-Kummissjoni sabiex tneħħi kompletament l-għajnuna finanzjarja tal-FEŻR mill-proġett ta' tiġdid u ta' estensjoni tal-villaġġ tal-vaganzi "Les Boucaniers" billi adottat id-deċiżjoni kkontestata tat-28 ta' Lulju 2010. Peress li dan il-proġett ta' kostruzzjoni kien ġie ssussidjat fil-kuntest ta' programmazzjoni unika tal-għajnuna strutturali tal-Unjoni fir-reġjun ta' Martinique [7], mil-lat tekniku, din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni konsegwentement wasslet għat-tnaqqis tal-ammont globali tal-għajnuna strutturali tal-Unjoni f'dan ir-reġjun.

13. Ir-rikors għal annullament ta' Franza kontra d-deċiżjoni kkontestata, ippreżentat fil-11 ta' Ottubru 2010, ma ntlaqax fl-ewwel istanza. Fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Diċembru 2011 [8] (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala infondat ir-rikors ta' Franza u kkundannat lil din tal-aħħar għall-ispejjeż.

5 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999, tal-21 ta' Ġunju 1999, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Vol. 1, p. 31).

6 — Dawn il-vantaġġi fiskali huma bbażati fuq l-Artikolu 199 *undecies* B I tal-Code général des impôts Franċiż (il-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi ta' Franza).

7 — Bid-Deċiżjoni C (2000) 3493, tal-21 ta' Diċembru 2000, il-Kummissjoni kienet approvat dokument uniku ta' programmazzjoni għall-għajnuna strutturali Komunitarja fir-reġjun ta' Martinique li taqa' taħt l-objettiv 1 fi Franza, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2000 sal-31 ta' Diċembru 2006, li kien jipprevedi sehem mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) sa EUR17 150 000.

8 — Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2011, Franza vs Il-Kummissjoni (T-488/10).

## IV – Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

14. Ir-Repubblika Franċiża ppreżentat dan l-appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali permezz ta' rikors tal-1 ta' Marzu 2012. Hija talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tas-16 ta' Diċembru 2011, fil-Kawża T-488/10, Franza vs Il-Kummissjoni, fl-intier tagħha; u

— tiddeċiedi hija stess b'mod finali l-kawża billi tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010)5229, tat-28 ta' Lulju 2010, jew terġa' tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

15. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni qed titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha,

— tiddikjara inammissibbli t-tieni parti tal-ewwel aggravju u l-ewwel parti tat-tielet aggravju, sussidjarjament tiċħadhom u tiċħad dan l-appell; u

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

16. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja u fil-11 ta' Marzu 2013 saret seduta.

## V – Evalwazzjoni tal-appell

17. Insostenn tal-appell tagħha mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali, Franza qed tinvoka total ta' tliet aggravji li, minn naħa, jikkonċernaw il-kunċett ta' sussidju dirett u l-kunċett ta' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 (l-ewwel u t-tielet aggravji) u, min-naħa l-oħra, qed tqajjem l-ilment ta' żnaturament tal-fatti u ta' titjib illegali tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata (it-tieni aggravju). Ser nibda billi neżamina t-tieni aggravju qabel nindirizza l-ewwel u t-tielet aggravji.

### A – *It-tieni aggravju: l-ilment ta' żnaturament tad-deċiżjoni kkontestata u t-titjib tal-motivazzjoni tagħha*

18. It-tieni aggravju invokat minn Franza jikkontesta t-tieni sentenza tal-punt 43 tas-sentenza appellata. F'din is-silta mis-sentenza, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li, meta eżaminat, fid-deċiżjoni kkontestata, il-proġett li kien jikkonsisti f'tiġdid sħiħ tal-klabb Le Boucaniers, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-iskop tal-villaġġ tal-vaganzi kollu[9].

19. Franza qed tilmenta li f'dan il-punt il-Qorti Ġenerali żnaturat id-deċiżjoni kkontestata u tejbet il-motivazzjoni tagħha. Dejjem skont Franza, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma bbażatx ruħha fuq l-iskop tal-villaġġ tal-vaganzi kollu imma fuq in-natura tax-xogħlijiet imwettqa. F'dan ir-rigward, Franza tirreferi b'mod partikolari għall-punti 31 u 32 tad-deċiżjoni kkontestata.

9 — Il-punt 43 tas-sentenza appellata huwa fformulat b'dan il-mod: "Għandu jitfakkar li, sabiex jiġi eżaminat jekk il-kuntratti għal xogħlijiet inkwistjoni jkunux jirrigwardaw xogħlijiet ta' bini marbuta ma' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37, wieħed għandu jibbaża ruħu fuq l-iskop kollu tal-klabb Les Boucaniers u mhux fuq ix-xogħlijiet imwettqa. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, meta eżaminat, fid-deċiżjoni kkontestata, il-proġett li kien jikkonsisti f'tiġdid sħiħ tal-klabb Les Boucaniers, il-Kummissjoni analizzat l-applikabbiltà tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 f'dan is-sens".

20. Skont ġurisprudenza ferm stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali ma jistgħux, fi kwalunkwe każ, jissostitwixxu l-motivazzjoni tagħhom għal dik tal-awtur tal-att ikkontestat[10]. Huma lanqas ma jistgħu jiżnaturaw il-kontenut tal-att ikkontestat[11].

21. Fl-aħħar mill-aħħar, f'dan il-każ, l-ilment ta' żnaturament tad-deċiżjoni kkontestata u l-ilment ta' titjib tal-motivazzjoni ta' din id-deċiżjoni essenzjalment għandhom l-istess implikazzjoni f'dan il-każ. Kull darba, il-Qorti Ġenerali hija kkritikata li "selfet" lid-deċiżjoni xi ħaġa li ma hijiex inkluża fiha. Konsegwentement, dawn l-ilmenti jistgħu jiġu suġġetti għal evalwazzjoni waħda.

22. Jidhirli li fid-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni ma ħaditx pożizzjoni b'mod ċar. Ċertament, fil-punti 31 u 32 ta' din id-deċiżjoni, jiġu enfasizzati x-xogħlijiet differenti li twettqu fil-kuntest tat-tiġdid u tal-estensjoni tal-villaġġ tal-vaganzi "Les Boucaniers". Huwa dan li sostniet ġustament Franza. Madankollu, id-deċiżjoni kkontestata ssemmi wkoll il-fatt li dan kien "proġett uniku" jew "proġett globali" (punti 28 u 31 tad-deċiżjoni kkontestata).

23. Din hija r-raġuni għaliex ma ġiex eskluż li, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni mhux biss tan-natura tax-xogħlijiet imwettqa, imma anki tal-iskop tal-villaġġ tal-vaganzi "Les Boucaniers" kollu. Għall-inqas, f'dan ir-rigward, id-deċiżjoni kkontestata tħalli spazju għall-interpretazzjoni, għalkemm, fl-aħħar mill-aħħar, ma għandux jiġi kkunsidrat li l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali tikkostitwixxi żnaturament[12] jew titjib tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni.

24. Għaldaqstant, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

## B – *L-ewwel aggravju: il-kunċett ta' sussidju dirett fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37*

25. Meta tinvoka l-ewwel aggravju, Franza qed tilmenta li l-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat il-kunċett ta' sussidju dirett fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37.

26. Dan l-ilment huwa bbażat fuq il-fatt li l-għajnuna mogħtija mill-Istat Franċiż għat-tiġdid u għall-estensjoni tal-villaġġ tal-vaganzi "Les Boucaniers" ma kinitx ikkostitwita minn sussidji imma minn tnaqqis fit-taxxi li, barra minn hekk, skont Franza, ma ngħatax lill-kumpannija Club Méditerranée bħala proprjetarja jew lil SMVV bħala l-iżviluppatur tax-xogħol, imma lill-persuni fiżiċi li kienu investew bħala soċji ta' société en nom collectif[13] privata f'dan il-proġett ta' kostruzzjoni[14].

27. Franza tikkontesta li dan it-tnaqqis fit-taxxi jista' jiġi kkunsidrat bħala "sussidju dirett" fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37 u dan, minn naħa, għaliex ma għandux in-natura ta' sussidju u, min-naħa l-oħra, għaliex ma għandux bħala effett sussidju dirett. Ikun aħjar jekk l-ewwel jiġi eżaminat it-tieni aspett.

10 — Sentenzi tas-27 ta' Jannar 2000, DIR International Film *et* vs Il-Kummissjoni (C-164/98 P, Ġabra p. I-447, punti 38 u 49); tal-1 ta' Ġunju 2006, P&O European Ferries (Vizcaya) u Diputación Foral de Vizcaya vs Il-Kummissjoni (C-442/03 P u C-471/03 P, Ġabra p. I-4845, punti 60 u 67); tat-22 ta' Diċembru 2008, British Aggregates vs Il-Kummissjoni (C-487/06 P, Ġabra p. I-10515, punt 141); u tal-24 ta' Jannar 2013, Frucona Košice vs Il-Kummissjoni (C-73/11 P, punt 89).

11 — Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina jekk il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti jew il-provi (ara, pereżempju, is-sentenzi tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill (C-229/05 P, Ġabra p. I-439, punti 35 u 37); tat-18 ta' Lulju 2007, Industrias Químicas del Vallés vs Il-Kummissjoni (C-326/05 P, Ġabra p. I-6557, punt 57); u tad-9 ta' Ġunju 2011, Comitato "Venezia vuole vivere" vs Il-Kummissjoni (C-71/09 P, C-73/09 P u C-76/09 P, Ġabra p. I-4727, punti 152 u 153).

12 — Ara, f'dan is-sens, dwar dokument li jħalli spazju għal diversi interpretazzjonijiet, is-sentenza tal-10 ta' Frar 2011, Activision Blizzard Germany vs Il-Kummissjoni (C-260/09 P, Ġabra p. I-419, punt 54).

13 — Fid-dritt Franċiż, is-société en nom collectif (SNC) hija kumpannija kummerċjali li s-soċji tagħha jkunu personalment responsabbli bil-patrimonju kollu tagħhom.

14 — Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tenfasizza li t-tnaqqis fit-taxxi tas-*société en nom collectif* ingħataw lil din tal-aħħar bħala tali għall-proġett ta' kostruzzjoni inkwistjoni.

1. Il-kunċett ta' sussidju "dirett" (it-tieni parti tal-ewwel aggravju)

28. It-tieni parti tal-ewwel aggravju jittratta l-kunċett ta' sussidju "dirett" fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37 u jindirizza b'mod speċjali l-punti 36 u 37 tas-sentenza appellata. Skont Franza, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat it-tnaqqis fit-taxxi għall-kuntratt għal xogħlijiet bħala sussidju dirett, għalkemm dan it-tnaqqis la ngħata lill-iżviluppatur tax-xogħol u lanqas lill-proprjetarja tal-villaġġ tal-vaganzi "Les Boucaniers", imma lis-soċji ta' société en nom collectif.

a) L-ammissibbiltà tat-tieni parti tal-ewwel aggravju

29. Il-Kummissjoni tikkunsidra li din il-parti tal-ewwel aggravju hija inammissibbli għaliex hija tqiegħed f'dubju l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi li għamlet il-Qorti Ġenerali u tressaq argumenti ġodda li Franza ma invokathomx fl-ewwel istanza.

30. Din l-oġġezzjoni ma tikkonvinċinix.

31. L-ilment imqajjem minn Franza ma għandux l-għan li jikkontesta l-konstatazzjonijiet fattwali tal-Qorti Ġenerali dwar il-persuna tal-benefiċjarju tat-tnaqqis fit-taxxi, u speċjalment peress li tali konstazzjonijiet ma sarux fis-sentenza appellata. Franza pjuttost qed tikkritika, minn naħa, l-interpretazzjoni mogħtija tal-Qorti Ġenerali tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37 u, min-naħa l-oħra, il-klassifikazzjoni tat-tnaqqis fit-taxxi mogħti bħala sussidju "dirett". Konsegwentement, dak li huwa inkwistjoni hija l-klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti tal-Qorti Ġenerali, li l-Qorti tal-Ġustizzja, skont ġurisprudenza stabbilita [15], għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tistħarriġha.

32. Barra minn hekk, kontrarjament għall-opinjoni tal-Kummissjoni, ma tantx huwa importanti li Franza diġà indirizzatx jew le l-kwistjoni tas-sussidju "dirett" fl-ewwel istanza. Fil-fatt, dak li huwa żgur huwa li l-Qorti Ġenerali eżaminat din il-kwistjoni fil-punti 36 u 37 tas-sentenza appellata. Dawn il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali għandhom ikunu jistgħu jiġu suġġetti għal stħarriġ ġuridiku fil-kuntest tal-appell. Il-ġurisprudenza tirrikonoxxi li, fil-kuntest tal-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-kompetenza sabiex twettaq evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali mogħtija għall-motivi ttrattati quddiem l-ewwel qorti [16].

33. Huwa possibbli li, fl-ewwel istanza, Franza kienet għadha ma sostnietx li la *l-iżviluppatur tax-xogħlijiet* u lanqas *il-proprjetarja* tal-villaġġ tal-vaganza ma kienu bbenefikaw minn sussidju dirett, peress li t-tnaqqis fit-taxxi ngħata lil soċji speċifiċi ta' société en nom collectif. Madankollu, f'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-partijiet jistgħu jkomplu jiżviluppaw l-argumenti tagħhom matul il-proċedura sakemm huma ma jibdlux is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali [17]. Issa, f'dan il-każ żgur li ma hemmx il-bżonn li tista' ssir bidla tal-kawża, peress li fl-ewwel istanza l-kwistjoni tas-sussidju dirett, bħala tali, kienet is-suġġett ta' dibattiti kontradittorji.

34. Għaldaqstant, it-tieni parti tal-ewwel aggravju hija ammissibbli.

15 — Sentenzi tal-1 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et* (C-136/92 P, Ġabra p. I-1981, punt 49); tal-21 ta' Settembru 2006, JCB Service vs Il-Kummissjoni (C-167/04 P, Ġabra p. I-8935, punt 106); tas-16 ta' Lulju 2009, Il-Kummissjoni vs Schneider Electric (C-440/07 P, Ġabra p. I-6413, punt 191); u tad-19 ta' Lulju 2012, Il-Kunsill vs Zhejiang Xinan Chemical Industrial Group (C-337/09 P, punt 55).

16 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 59); tal-11 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Département du Loiret (C-295/07 P, Ġabra p. I-9363, punt 95); u tas-16 ta' Novembru 2011, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill (C-548/09 P, Ġabra p. I-11381, punt 122).

17 — Sentenzi tal-20 ta' Ottubru 1994, Scaramuzza vs Il-Kummissjoni (C-76/93 P, Ġabra p. I-5173, punt 18); PKK u KNK vs Il-Kunsill (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punt 64); tal-15 ta' April 2010, Gualtieri vs Il-Kummissjoni (C-485/08 P, Ġabra p. I-3009, punt 37); u tat-18 ta' Novembru 2010, NDSHT vs Il-Kummissjoni (C-322/09 P, Ġabra p. I-11911, punt 41).

b) Il-bażi tat-tieni parti tal-ewwel aggravju

35. Madankollu, fuq il-mertu, l-argument ta' Franza huwa infondat

36. Id-diċitura tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37 diġà turi li l-eżistenza ta' "sussidju dirett" ma tiddependix mill-*persuni* li lilhom tkun ingħatat l-għajnuna mill-awtorità pubblika. Fil-fatt, sabiex l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37 ikun applikabbli, huwa suffiċjenti li *l-kuntratt għal xogħlijiet* li jingħata minn entità oħra għajr awtorità kontraenti jibbenefika minn sussidju dirett ta' iktar minn 50 % min-naħa ta' awtorità kontraenti waħda jew iktar. Fi kliem ieħor, il-kunċett ta' sussidju dirett ma huwiex marbut mal-persuni imma max-xogħol.

37. L-interpretazzjoni partikolarment stretta ta' sussidju "dirett" sostnuta minn Franza tippermetti evażjoni ferm wisq faċli tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37. B'hekk, awtorità kontraenti tista' tevita l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva billi tagħti sussidji għall-kuntratt għal xogħlijiet, mhux l-iżviluppatur tax-xogħol jew il-proprjetarju tal-art ikkonċernata, imma persuni li jkollhom rabtiet ekonomiċi max-xogħol.

38. Din hija r-raġuni għaliex ġustament, fil-punti 36 u 37 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali staqsiet jekk *il-proġett* kienx ibbenefika minn sussidju dirett fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 u mhux jekk dan is-sussidju ngħatax b'mod speċjali lill-iżviluppatur tax-xogħol jew lill-proprjetarja tal-villaġġ tal-vaganzi "Les Boucaniers".

c) Konklużjoni intermedja

39. Għaldaqstant, it-tieni parti tal-ewwel aggravju hija ammissibbli imma infondata.

2. Il-kunċett ta' "sussidju" (l-ewwel parti tal-ewwel aggravju)

40. L-ewwel parti tal-ewwel aggravju tittratta l-kunċett ta' "sussidju" fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37 u tindirizza b'mod speċjali l-punti 24 sa 35 tas-sentenza appellata. Skont Franza, l-għoti ta' tnaqqis fit-taxxi ma jistax jiġi kkunsidrat bħala sussidju fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

41. Il-kunċett ta' sussidju ma ġiex iddefinit b'mod iktar preċiż fid-Direttiva 93/37. Bħal għadd ta' kunċetti legali indeterminati oħrajn, dan il-kunċett jista' jkollu kontenuti differenti. B'hekk, fid-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tas-suq intern minn importazzjonijiet issussidjati minn pajjiżi terzi, it-terminu "sussidju" jipprevedi wkoll espressament it-tnaqqis fit-taxxi [18]. Min-naħa l-oħra, fid-dritt tal-kompetizzjoni, jekk it-tnaqqis fit-taxxi jaqa' taħt il-kunċett wiesa' ta' għajnuna mill-Istat [19], huwa ma jaqax taħt il-kunċett, iktar strett, ta' sussidju [20]; fid-dritt tal-kompetizzjoni, dan tal-aħħar jindika biss ħlasijiet diretti.

42. Għaldaqstant, sabiex jiġi implementat l-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 għandu jiġi ddeterminat, fil-kuntest ta' interpretazzjoni awtonoma, liema sinjifikat għandu l-kunċett ta' sussidju li jagħmel riferiment għalih.

18 — Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009, tal-11 ta' Ġunju 2009, dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 188, p. 93).

19 — B'hekk, diġà ngħad b'mod ċar fis-sentenza tat-2 ta' Lulju 1974, L-Italja vs Il-Kummissjoni (173/73, Ġabra p. 709, punt 28) li miżura mhix eskluża mill-ambitu tal-Artikolu 107 TFUE sempliċement minħabba l-allegata natura fiskali tagħha (ex Artikolu 92 KE); ara wkoll is-sentenza tas-17 ta' Novembru 2009, Presidente del Consiglio dei Ministri (C-169/08, Ġabra p. I-10821, punti 58 u 66).

20 — Jirriżulta li l-kunċett ta' sussidju huwa iktar strett mill-kunċett ta' għajnuna, b'mod partikolari mis-sentenzi tat-23 ta' Frar 1961, De Gezamenlijke Steenkolenmijnen in Limburg vs L-Awtorità Għolja (30/59, Ġabra p. 3, 43); tal-14 ta' Settembru 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-276/02, Ġabra p. I-8091, punt 24); u tat-8 ta' Settembru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-279/08 P, Ġabra p. I-7671, punt 86).

43. Ma hemm l-ebda dubju li, *per se*, kemm l-għanijiet tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 kif ukoll il-kuntest leġiżlattiv li minnu tagħmel parti din id-dispożizzjoni, jimmilitaw favur interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' sussidju, li ma għandhiex neċessarjament tkun limitata għal ħlasijiet diretti mill-awtorità pubblika u tista' wkoll tinkludi miżuri oħrajn ta' finanzjament, bħal pereżempju t-tnaqqis fit-taxxi inkwistjoni f'dan il-każ. Dan huwa dak li ġustament qalet il-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha [21].

44. Madankollu, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 ma għandhiex tkun ibbażata biss fuq l-għanijiet u l-kuntest leġiżlattiv ta' din id-dispożizzjoni imma għandha wkoll tieħu inkunsiderazzjoni l-oriġini tagħha. Jidhirli ġustament li, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ma siltitx il-konklużjonijiet tajbin mill-oriġini ta' din id-dispożizzjoni.

45. Huwa fl-Artikolu 1a tad-Direttiva 71/305/KEE [22], fil-verżjoni tad-Direttiva 89/440/KEE [23], li d-dispożizzjoni prevista fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 ġiet inkluża għall-ewwel darba fid-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi [24].

46. Fir-rigward tal-Artikolu 1a tad-Direttiva 71/305 għandu jiġi osservat li, oriġinarjament, kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Parlament Ewropew, kienu ppreferew formulazzjoni ferm wiesgħa li ma kinitx limitata għas-sussidju dirett. B'hekk, il-Kummissjoni pproponiet li l-Artikolu 1a jinkludi l-forom kollha ta' finanzjament dirett jew indirett tal-kuntratti għal xogħlijiet [25]. Il-pożizzjoni tal-Parlament dwar l-Artikolu 1a, adottata fl-ewwel qari, kienet ukoll ibbażata fuq dan il-kunċett ta' finanzjament ferm wiesa'. Il-pożizzjoni dwar l-Artikolu 1a adottata mill-Parlament fl-ewwel qari kienet tinkludi anki definizzjoni tal-kunċett ta' finanzjament li, minbarra s-sussidji pubbliċi kienet espressament tinkludi wkoll l-għoti ta' vantaġġi fiskali [26].

47. Min-naħa l-oħra, il-verżjoni tal-Artikolu 1a tad-Direttiva 71/305 li ġiet finalment adottata mill-Kunsill ma baqgħetx iktar tirreferi b'mod ġenerali għall-finanzjament tal-kuntratti għal xogħlijiet imma kienet issemmi biss is-sussidju dirett ta' dawn il-kuntratti mill-awtoritajiet kontraenti.

48. Konsegwentement, kuntrajament għall-proposta tal-Kummissjoni u kuntrarjament għall-pożizzjoni adottata fl-ewwel qari mill-Parlament, il-Kunsill, li dak iż-żmien kien il-leġiżlatur Komunitarju, għażel, għall-Artikolu 1a tad-Direttiva 71/305, formulazzjoni stretta li tevita t-terminu wiesa' ta' "finanzjament" u ssemmi biss ir-regola tas-sussidju dirett għal iktar minn 50 % tal-kuntratti għal xogħlijiet mill-awtoritajiet kontraenti.

21 — Ara b'mod partikolari, il-punti 32 u 33 tas-sentenza appellata.

22 — Direttiva tal-Kunsill 71/305/KEE, tas-26 ta' Lulju 1971, li tikkonċerna l-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet] (ĠU L 185, p. 5).

23 — Direttiva tal-Kunsill 89/440/KEE, tat-18 ta' Lulju 1989, li temenda d-Direttiva 71/305/KEE li tikkonċerna l-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet] (ĠU L 210, p. 1).

24 — Is-sentenza appellata ssemmi bi żball l-Artikolu 1a tad-Direttiva 89/440, meta fil-fatt, huwa l-Artikolu 1a tad-Direttiva 71/305 fil-verżjoni tad-Direttiva 89/440.

25 — Fil-proposta [COM(86) 679 finali] dwar direttiva li temenda d-Direttiva 71/305/KEE li tikkonċerna l-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet], il-paragrafu 1 tad-dispożizzjoni, li kien għadu jġib in-numru 2a, kien ifformulat kif ġej: "L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jiġu osservati meta investimenti għal kuntratti għal xogħlijiet mogħtija minn entitajiet oħrajn għajr dawk iddefiniti fl-Artikolu 1(b) ikunu kompletament jew parzjalment, direttament jew indirettament, iffinanzjati b'fondi pubbliċi" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

26 — Fl-ewwel qari, il-Parlament kien iddeċieda favur il-formulazzjoni li ġejja li, f'dak il-mument, kellha tiġi inkluża fl-Artikolu 2a tad-Direttiva 71/305 (ĠU C 167, p. 65): "L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jiġi osservati meta l-awtoritajiet kontraenti […] jiffanzjaw il-parti l-kbira tal-investimenti għal kuntratti għal xogħlijiet mogħtija minn entitajiet oħrajn għajr dawk iddefiniti fl-Artikolu 1(b). Finanzjament għandu jfisser il-ħlas ta' sussidji pubbliċi, l-akkreditazzjoni ta' interessi fil-krediti permessi, l-għoti ta' vantaġġi fiskali, u l-għoti ta' vantaġġi immobiljari" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

49. Dan huwa wkoll dak li jirriżulta mid-dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, annessa mal-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill meta ġie adottat l-Artikolu 1a tad-Direttiva 71/305. F'din id-dikjarazzjoni, huwa minnu li ġie kkonfermat li kellhom jiġu inklużi "il-forom differenti kollha ta' sussidji diretti" [27]. Madankollu, fid-dikjarazzjoni ma hemm l-ebda indikazzjoni li, minbarra s-sussidji diretti, vantaġġi oħrajn, bħal pereżempju t-tnaqqis fit-taxxi, għandhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1a jew li tali tnaqqis fit-taxxi għandu jiġi kkunsidrat bħala sussidji, kif tafferma l-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

50. F'dawn il-kundizzjonijiet, il-pożizzjoni tal-Qorti Ġenerali [28] u tal-Kummissjoni, jiġifieri li r-riferiment għas-sussidju dirett fl-Artikolu 1a tad-Direttiva 71/305 għandha "b'mod ċar u uniku" l-għan li teskludi s-sussidji indiretti u mhux li tillimita b'mod ieħor il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, ma tantx hija konvinċenti. Fil-fatt, b'dan il-mod ma jkunx jista' jiġi spjegat għaliex il-Kunsill irrestrinġa b'mod speċjali d-diċitura ta' din id-dispożizzjoni għas-sussidju u ma riedx iżomm it-terminu "finanzjament", ferm iktar ġenerali, li ntuża fil-bidu.

51. Fid-dawl ta' din l-oriġini tad-dispożizzjoni, huwa diffiċli li lill-kunċett ta' sussidju dirett fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37, dispożizzjoni b'kontenut identiku li ssuċċediet l-Artikolu 1a tad-Direttiva 71/305, jingħata interpretazzjoni tant wiesgħa li tinkludi anki t-tnaqqis fit-taxxi. Xejn ma jindika li, f'din id-dispożizzjoni, il-leġiżlatur ried jibbaża ruħu fuq intepretazzjoni daqstant wiesgħa tal-kunċett ta' sussidju.

52. Din hija r-raġuni għaliex il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta, minkejja l-oriġini spjegata iktar 'il fuq tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37, hija inkludiet ukoll sempliċi tnaqqis fit-taxxi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

53. Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha tintlaqa'. Dan huwa suffiċjenti sabiex jiġi ġġustifikat l-annullament tas-sentenza appellata. Fil-fatt, jekk it-tnaqqis fit-taxxi mogħti mill-Istat Franċiż għat-tiġdid u għall-estensjoni tal-villaġġ tal-vaganzi "Les Boucaniers" ma jittieħidx inkunsiderazzjoni, allura, is-sehem mis-sussidju dirett ta' dan il-proġett ta' kostruzzjoni mill-awtorità pubblika jaqa' taħt il-limitu ta' 50 % iffissat fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 [29].

### C – *It-tielet aggravju: il-kunċett ta' "faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment" fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37*

54. It-tielet aggravju invokat minn Franza jirrigwarda l-kunċett ta' "faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment" fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37. Franza qed tilmenta li l-Qorti Ġenerali tat intepretazzjoni wisq wiesgħa lil dan il-kunċett mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni li d-dispożizzjoni tikkonċerna biss kuntratti għal xogħlijiet li, minn naħa, għandhom l-għan li jissodisfaw il-ħtiġiet kollettivi tal-utenti tal-faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment (ara iktar 'l isfel taħt 1) u li, min-naħa l-oħra, awtoritajiet kontraenti għandhom interess ekonomiku dirett fihom (ara iktar 'l isfel taħt is-sezzjoni numru 2).

27 — Id-diċitura preċiża ta' din id-dikjarazzjoni hija kif ġej: "Il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkonfermaw li, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 1a, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, sa fejn dan ikun possibbli, il-forom differenti kollha ta' sussidji diretti, inklużi dawk b'oriġini Komunitarja, għall-kuntratti għal xogħlijiet inkwistjoni".

28 — Sentenza appellata, fl-aħħar tal-punt 35.

29 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punti 9 sa 11 ta' dawn il-konklużjonijiet.

1. Ir-rilevanza tal-ħtiġiet kollettivi tal-utenti ta' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment (l-ewwel parti tat-tielet aggravju)

55. L-ewwel parti tat-tielet aggravju tindirizza l-punti 56 sa 63 tas-sentenza appellata. Franza qed tilmenta li l-Qorti Ġenerali injorat li l-faċilitajiet li huma intiżi sabiex jissodisfaw il-ħtiġiet kollettivi tal-utenti tagħhom biss jistgħu jiġu kkunsidrati bħala faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37.

a) L-ammissibbiltà tal-ewwel parti tat-tielet aggravju

56. Skont il-Kummissjoni, din l-ewwel parti tat-tielet aggravju hija inammissibbli għaliex, fl-ewwel istanza, Franza ma invokatx l-argument tal-"ħtiġijiet kollettivi tal-utenti" ta' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment imma bbażat ruħha fuq il-kriterju tal-"ħtiġijiet tradizzjonali tal-kollettivi [kollettivitajiet] pubbliċi".

57. Din l-oġġezzjoni hija bla bażi. Ċertament huwa minnu li fl-ewwel istanza Franza ma użatx il-kriterju tal-"ħtiġijiet kollettivi tal-utenti", ċertament mhux fil-proċedura bil-miktub, u li, għall-ewwel, hija ffavoriet applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 għal kuntratti li, min-natura tagħhom stess, jaqgħu fil-kamp tal-ħtiġiet tradizzjonali tal-kollettivitajiet pubbliċi. Madankollu, meta issa qed issemmi l-ħtiġiet kollettivi tal-utenti, hija qiegħda sempliċement tkompli tiżviluppa l-argument tagħha, u dan ma jbiddilx is-suġġett tal-kawża u għalhekk huwa permess fil-kuntest ta' appell[30].

58. Għaldaqstant, din il-parti tat-tielet aggravju hija ammissibbli.

b) Il-fondatezza tal-ewwel parti tat-tielet aggravju

59. Fil-kuntest ta' din l-ewwel parti tat-tielet aggravju, il-partijiet ma humiex qed jaqblu dwar jekk il-kunċett ta' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 għandux jingħata interpretazzjoni wiesgħa jew stretta.

60. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali għażlet interpretazzjoni wiesgħa li hija kklassifikat ukoll bħala "interpretazzjoni funzjonali"[31]. Skont din l-interpretazzjoni, anki l-kuntratti għal xogħlijiet li jikkonċernaw il-villaġġi tal-vaganzi privati bħall-Club Méditerranée "Les Boucaniers" jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-kuntratti pubbliċi, dejjem sakemm dawn ikunu ssussidjati għal iktar minn 50 % minn awtoritajiet kontraenti.

61. Din l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment ma hijiex konvinċenti.

i) In-neċessità għal interpretazzjoni restrittiva tal-kunċett ta' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment

62. Ċertament, huwa possibbli li, mal-ewwel daqqa t'għajn, id-diċitura tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 tapplika wkoll għal villaġġi tal-vaganzi privati bħal dak inkwistjoni f'dan il-każ. Madankollu, kemm l-għan tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 kif ukoll il-kuntest li fih din id-dispożizzjoni tinkludi l-faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jipprekludu dan.

30 — Ara, f'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17.

31 — Sentenza appellata, b'mod partikolari fl-aħħar tal-punt 30 u fil-punt 59.

63. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 ma jipprovdix estensjoni ġenerali tad-dritt tal-kuntratti pubbliċi għall-proġetti kollha ta' kostruzzjoni privati peress li dawn ikunu ssussidjati għal iktar minn 50 % b'fondi pubbliċi.

64. Anzi, l-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 għandu biss l-għan li jipprevjeni l-prattiki intiżi sabiex tiġi evaża *f'ċerti oqsma* l-leġiżlazzjoni tal-kuntratti pubbliċi u l-għanijiet tagħha[32]. Din hija r-raġuni għaliex, preċiżament f'dawn l-oqsma, l-Artikolu 2 jinkludi l-kuntratti għal xogħlijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva meta dawn il-proġetti jkunu ssussidjati direttament għal iktar minn 50 % minn awtoritajiet kontraenti. Madankollu, din ma hijiex dispożizzjoni li l-applikazzjoni tagħha tista' tiġi ġġeneralizzata, kif juri b'mod partikolari l-użu tal-formulazzjoni "għandu jikkonċerna biss" fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37.

65. Barra minn hekk, paragun mal-oqsma l-oħra msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-direttiva juri li dawn huma biss kuntratti li jirrigwardaw l-infrastruttura tat-trasport[33] jew ta' bini li jkunu għad-dispożizzjoni tal-kollettività (skejjel, universitajiet jew sptarijiet) jew li awtorità kontraenti tuża hija stess (bini użat għal skopijiet amministrattivi).

66. F'dawn il-kundizzjonijiet, il-kunċett ta' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 għandu wkoll jiġi interpretat b'mod restrittiv, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà għamlet fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħrajn tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi[34]. Kuntrarjament għal dak li tikkunsidra l-Kummissjoni, dan bl-ebda mod ma jwassal sabiex "jiżdied permezz ta' interpretazzjoni", mal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37, kriterju supplimentari li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kienx ippreveda. Fil-fatt, l-interpretazzjoni restrittiva tal-kunċett ta' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment biss tikkorrispondi għall-għan u għall-kuntest leġiżlattiv tal-użu ta' dik l-espressjoni mil-leġiżlatur fid-Direttiva 93/37. Dan huwa ġustament dak li osservat Franza.

ii) Il-kriterji ta' interpretazzjoni restrittiva tal-kunċett ta' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment

67. Għaldaqstant għalkemm Franza għandha tingħata raġun u għandu jiġi ammess li l-kunċett ta' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 jeħtieġ interpretazzjoni restrittiva, jiena minix konvint li l-kriterji proposti minn dan l-Istat Membru huma xierqa għal interpretazzjoni bħal din.

68. Il-kriterju li jikkonsisti li "jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet kollettivi tal-utenti" ta' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment, invokat minn Franza fil-kuntest ta' dan l-appell, jidher wisq vag sabiex jikkostitwixxi kriterju xieraq għall- interpretazzjoni u għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37. Barra minn hekk, il-parti l-kbira tal-faċilitajiet imsemmija f'din id-dispożizzjoni (skejjel, universitajiet, sptarijiet kif ukoll faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment) ġeneralment ikunu intiżi (ukoll) sabiex jissodisfaw il-ħtiġiet individwali tal-utenti tagħhom[35]. Fl-aħħar mill-aħħar, huwa ferm inqas importanti li jsir magħruf jekk l-interessi tal-utenti li jissodisfaw il-faċilitajiet inkwistjoni ikunux "individwali" jew "kollettivi" milli li jsir magħruf jekk it-tqegħid għad-dispożizzjoni tagħhom ikunx ta' interess pubbliku.

32 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger ippreżentati, fis-7 ta' Diċembru 1991, fil-kawża Ordine degli Architetti *et* (C-399/98, Ġabra p. I-5409, punt 106); ara wkoll il-punt 30 tas-sentenza appellata.

33 — Dawn huma l-kuntratti fis-sens tal-Klassi 50, il-Grupp 502 tan-Nomenklatura Ġenerali tal-Attivitajiet Ekonomiċi fil-Komunitajiet Ewropej (NACE), li jirreferi għalihom l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37.

34 — Ara, pereżempju, l-interpretazzjoni restrittiva li, skont ġurisprudenza stabbilita, tingħata lill-kunċett ta' kuntratt pubbliku sabiex jiġu esklużi l-kuntratti "kważi in house", mis-sentenza tat-18 ta' Novembru 1999, Teckal (C-107/98, Ġabra p. I-8121, it-tieni sentenza tal-punt 50).

35 — Il-ħtieġa għal soġġorn fl-isptar tiddependi mill-istat ta' saħħa tal-utent ikkonċernat u b'hekk hija ferm individwali. Bl-istess mod, l-użu tal-faċilitajiet ta' taħriġ jiddependi kompletament jew parzjalment mill-kapaċitajiet u mill-gosti individwali.

69. Il-kriterju ta' "ħtiġijiet tradizzjonali tal-kollettivi [kollettivitajiet] pubbliċi" propost minn Franza fl-ewwel istanza, ma jidhirx li huwa iktar xieraq. Dan il-kriterju jiffoka wisq fuq id-dmirijiet tradizzjonali tal-kollettivitajiet pubbliċi u jittraskura l-fatt li dawn id-dmirijiet jistgħu jevolvu u jiġu estiżi maż-żmien. Interpretazzjoni xierqa tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 għandha tieħu inkunsiderazzjoni anki ta' dan il-fatt.

70. Din hija r-raġuni għaliex qed nipproponi li l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 jiġi interpretat fis-sens li huwa jirreferi biss għall-kuntratti privati għal xogħlijiet li jkunu ssussidjati minn awtoritajiet kontraenti sabiex jissodisfaw il-funzjonijiet tagħhom ta' *servizz ta' interess ġenerali*. Il-kunċett ta' servizz ta' interess ġenerali huwa kunċett komuni fid-dritt tal-Unjoni [36] li, barra minn hekk, huwa suffiċjentement miftuħ sabiex, minn naħa, jieħu inkunsiderazzjoni l-ħtiġiet differenti fl-Istati Membri differenti u l-għadd ta' kollettivitajiet territorjali tagħhom u, min-naħa l-oħra, sabiex jissodisfa l-iżviluppi reċenti fil-funzjonijiet tal-organi pubbliċi. Barra minn hekk, b'dan il-mod tkun tista' tiġi żgurata koerenza bejn id-dritt tal-kuntratti pubbliċi u d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

71. Anki jekk, f'dan il-każ, la Franza u lanqas il-Kummissjoni ma ssuġġerew eżattament li jintuża l-kriterju tal-interess ġenerali, dan ma jimpedixxix li l-Qorti tal-Ġustizzja tibbaża ruħha tabilħaqq fuq dan il-kriterju sabiex tinterpreta u tapplika l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37. Fil-fatt, il-qorti ma hijiex "ħalq il-partijiet" [37]. Konsegwentement, il-qorti ma tistax tkun marbuta biss mill-argumenti mqajma mill-partijiet insostenn tat-talbiet tagħhom, għaliex altrimenti jkollha, jekk ikun il-każ, tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq kunsiderazzjonijiet legali żbaljati [38].

72. B'hekk, jekk l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni ma *tirreferix* għall-faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment *kollha* imma biss għal dawk li huma ta' interess ġenerali, bħall-pereżempju iż-żoni ħodor aċċessibbli għall-pubbliku, il-faċilitaijiet sportivi, il-libreriji u l-mużewijiet, allura l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

73. Għaldaqstant, l-ewwel parti tat-tielet aggravju hija fondata.

2. L-interess ekonomiku dirett tal-awtorità kontraenti (it-tieni parti tat-tielet aggravju)

74. It-tieni parti tat-tielet aggravju invokat minn Franza tindirizza b'mod speċjali l-punt 64 tas-sentenza appellata. Skont Franza, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-espressjoni "kuntratti ta' [għal] xogħlijiet" fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 għandha tiġi interpretata b'mod indipendenti mill-espressjoni "kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet]" fis-sens tal-Artikolu 1(a) ta' din id-direttiva. Issa, skont Franza, kemm l-Artikolu 1(a) kif ukoll l-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 jikkonċernaw biss kuntratti għal xogħlijiet li l-awtorità kontraenti jkollha interess ekonomiku dirett fihom.

75. L-argumenti mressqa minn Franza huma konvinċenti.

76. Il-kuntratti għal xogħlijiet fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 huma differenti minn dawk previsti fl-Artikolu 1(a) tal-imsemmija direttiva biss għaliex dawn jingħataw mhux minn *awtoritajiet kontraenti* imma minn *entitajiet oħrajn*, fuq kollox impriżi privati u dan b'sussidju dirett ta' iktar minn 50 % mogħti minn awtoritajiet kontraenti.

36 — Ara, pereżempju, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Servizzi ta' interess ġenerali fl-Ewropa" (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 54) u r-rapport "Is-servizzi ta' interess ġenerali" li l-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Ewropew f'Laeken [COM(2001) 598 finali].

37 — Kif diġà kien osserva l-Avukat Ġenerali Léger fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fit-2 ta' April 1998 fil-kawża Il-Parlament vs Gutiérrez de Quijano y Lloréns (C-252/96 P, Ġabra p. I-7421, punt 36).

38 — Ara, f'dan is-sens, id-digriet tas-27 ta' Settembru 2004, UER vs M6 *et* (C-470/02 P, punt 69); u s-sentenza tal-21 ta' Settembru 2010, L-Isvezja vs API u Il-Kummissjoni (C-514/07 P, C-528/07 P u C-532/07 P, Ġabra p. I-8533, punt 65).

77. Barra minn hekk, skont id-diċitura tiegħu, l-użu tal-espressjoni "kuntratti ta' [għal] xogħlijiet" jixhed li l-bażi tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 hija d-definizzjoni mogħtija għad-Direttiva kollha fl-Artikolu 1(a) u li minnha jiddependi ġustament il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-imsemmija direttiva.

78. L-għan tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 jiffavorixxi wkoll interpretazzjoni tal-kunċett ta' kuntratt għal xogħlijiet ibbażat fuq id-definizzjoni ġenerali mogħtija fl-Artikolu 1(a) tal-imsemmija direttiva. Fil-fatt, l-Artikolu 2 tad-direttiva għandu l-għan li jipprevjeni l-prattiki intiżi sabiex tiġi evaża l-leġiżlazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi bl-involviment tal-individwi [39]. Konsegwentement, l-Artikolu 2 ma jistax jinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva kuntratti għal xogħlijiet oħrajn għajr dawk li għandhom ukoll ikunu s-suġġett ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt meta dawn jingħataw minn awtorità kontraenti u mhux minn individwu.

79. Konsegwentement, jekk fil-każ normali previst fl-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 93/37 huwa involut kuntratt għal xogħlijiet biss meta x-xogħlijiet imwettqa jkunu ta' interess ekonomiku dirett għall-awtorità kontraenti [40], dan japplika iktar u iktar fil-każ partikolari previst fl-Artikolu 2 tal-istess direttiva. Ix-xogħlijiet imwettqa f'dan il-kuntest jistgħu, huma wkoll, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/37 biss meta l-awtoritajiet kontraenti li jissussidjaw direttament iktar minn 50 % ta' dawn ix-xogħlijiet ikollhom interess ekonomiku dirett fihom.

80. Kif sostniet il-Qorti tal-Ġustizzja, interess ekonomiku dirett jista' jiġi stabbilit b'mod partikolari meta jkun previst li l-awtorità kontraenti tkun se ssir proprjetarja tax-xogħlijiet jew ikun se jkollha titolu legali li jkun se jiżguralha d-disponibbiltà tax-xogħlijiet jew tkun se tikseb vantaġġi ekonomiċi jew se tassumi riskji ekonomiċi mill-użu futur tax-xogħol [41]. Ma għandux jiġi kkunsidrat li dan japplika fil-każ bħal dak inkwistjoni fejn proġett ta' kostruzzjoni privat ibbenefika biss minn sostenn finanzjarju min-naħa tal-awtoritajiet kontraenti, fil-kuntest tal-għajnuna strutturali.

81. Min-naħa l-oħra, is-sempliċi fatt li proġett ta' kostruzzjoni privat bħal, forsi, it-tiġdid u l-estensjoni ta' villaġġ tal-vaganzi privat, jista' jkollu effetti pożittivi fuq l-iżvilupp ekonomiku ġenerali ta' reġjun ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit interess ekonomiku dirett tal-kollettivitajiet pubbliċi li jkunu ssussidjaw direttament dan il-proġett. Fil-fatt, l-interess li jkollhom ix-xogħlijiet imwettqa għal dawn l-investituri b'fondi pubbliċi, l-iktar l-iktar, huwa *indirett*.

82. Konsegwentement, f'dan ir-rigward ukoll, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta interpretat u meta applikat l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37. Din hija r-raġuni għaliex anki t-tieni parti tat-tielet aggravju hija fondata.

### 3. L-aħħar kumment dwar it-tielet aggravju

83. Dwar iż-żewġ partijiet tat-tielet aggravju, il-Kummissjoni ssostni wkoll li interpretazzjoni wiesgħa tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37, bħal dik tal-Qorti Ġenerali, għandha l-għan li tiżgura għoti imparzjali tal-fondi pubbliċi [42].

39 — Ara, iktar 'il fuq, il-punt 64 ta' dawn il-konklużjonijiet.

40 — Ara s-sentenzi tal-25 ta' Marzu 2010, Helmut Müller (C-451/08, Ġabra p. I-2673, punti 49, 54, 57 u 58); u tal-15 ta' Lulju 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-271/08, Ġabra p. I-7091, punt 75) dwar id-dispożizzjoni li ssuċċediet dik tad-Direttiva 93/37 fid-Direttiva 2004/18.

41 — Ara s-sentenza Helmut Müller (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 40, punti 50 sa 52). L-Avukat Ġenerali Wathelet reċentement eżamina l-kriterju tal-interess ekonomiku dirett fil-konklużjonijiet li ppreżenta fil-11 ta' April 2013 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-576/10); ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi ppreżentati fis-17 ta' Novembru 2009 fil-kawża Helmut Müller (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 40, punti 46 sa 62).

42 — Il-Kummissjoni tirreferi għall-punt 31 tas-sentenza appellata.

84. Huwa minnu li din il-kunsiderazzjoni tagħmel ukoll parti mill-għanijiet tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi. Madankollu, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn l-għanijiet ma jistax iwassal għal interpretazzjoni wiesgħa tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 li tmur kontra l-istruttura tal-imsemmija direttiva. Il-leġiżlatur għażel li jilħaq dan il-għan billi jissuġġetta biss ċerti proġetti ta' kostruzzjoni privati, u mhux dawn il-proġetti kollha, għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/37.

85. Għal finijiet ta' kompletezza, għandu jitfakkar li l-libertajiet fundamentali tas-suq intern, b'mod partikolari l-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, jimplikaw projbizzjoni ta' diskriminazzjoni, li minnha jirriżulta wkoll obbligu ta' trasparenza[43]. Anki barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi dwar l-għoti tal-kuntratti, dawn il-prinċipji jimpedixxu li l-awtoritajiet kontraenti jissussidjaw jew jiffinanzjaw kuntratti għal kostruzzjoni privati b'fondi pubbliċi b'mod mhux trasparenti jew diskriminatorju. F'din ir-rigward ma hemmx bżonn ta' interpretazzjoni estensiva tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37.

D – *Sinteżi*

86. Peress li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju kif ukoll iż-żewġ partijiet tat-tielet aggravju huma fondati, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata.

## VI – Id-deċiżjoni dwar ir-rikors fl-ewwel istanza

87. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' jew hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċidiha.

88. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali eżaminat fid-dettal il-motivi mressqa fl-ewwel istanza minn Franza insostenn tar-rikors tagħha. Barra minn hekk, matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, il-partijiet kellhom l-opportunità li jiskambjaw il-fehmiet tagħhom dwar l-elementi kollha rilevanti sabiex tinstab soluzzjoni għal din il-kawża. Lanqas il-fatti ma għandhom bżonn ta' iktar kjarifika. Għaldaqstant, l-istat tal-proċeduri jippermetti li tingħata sentenza.

89. Jekk l-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 jiġi interpretat u applikat kif ġie propost iktar 'il fuq meta ġew eżaminati l-ewwel u t-tielet aggravji[44], allura r-rikors għal annullament ippreżentat minn Franza huwa fondat. Fil-fatt, minn naħa, il-villaġġ tal-vaganzi privat "Les Boucaniers" ma ġiex issussidjat direttament għal iktar minn 50 %, jekk jiġi eskluż it-tnaqqis fit-taxxi mogħti mill-Istat Franċiż. Min-naħa l-oħra, dan il-villaġġ tal-vaganzi ma jistax jiġi kklassifikat bħala faċilità intiża għal sports, rekreazzjoni u divertiment fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni. Anki jekk jiġi preżunt li l-abitanti ta' Martinique jużaw okkażjonalment, għal ġurnata u bi ħlas, il-faċilitajiet intiżi għal divertiment tal-villaġġ tal-vaganzi, dan ma jċaħħadx lill-imsemmi villaġġ min-natura tiegħu ta' kumpless ta' lukanda li jaqdi interessi purament privati u ma jipprovdi l-ebda servizz ta' interess ġenerali.

90. Għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni għandha tiġi annullata [Artikolu 264(1) TFUE].

43 — Sentenzi tas-7 ta' Diċembru 2000, Telaustria u Telefonadress (C-324/98, Ġabra p. I-10745 punti 60 sa 62); tal-21 ta' Lulju 2005, Coname (C-231/03, Ġabra p. I-7287, punti 16 u 17); u tat-13 ta' April 2010, Wall (C-91/08, Ġabra p. I-2815, punt 68).

44 — Ara, iktar 'il fuq, il-punti 54 sa 82 ta' dawn il-konklużjonijiet.

## VII – Fuq l-ispejjeż

91. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi l-kawża hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż[45].

92. Skont id-dispożizzjonijiet flimkien tal-Artikolu 138(1) u tal-Artikolu 184(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

93. Fil-kuntest tar-rikors għal annullament fl-ewwel istanza tagħha, Franza talbet li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż. Peress li l-Kummissjoni tilfet il-kawża, hija għandha tbati l-ispejjeż tal-ewwel istanza.

94. Min-naħa l-oħra, fil-kuntest tal-appell, Franza ma ressqitx talba dwar l-ispejjeż. Din hija r-raġuni għaliex naħseb li huwa ġust li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

## VIII – Konklużjoni

95. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

"1) is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Diċembru 2011 fil-Kawża T-488/10 Franza vs Il-Kummissjoni hija annullata.

2) id-Deċiżjoni C (2010) 5229 tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Lulju 2010 hija annullata;

3) il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tal-ewwel istanza. Mill-bqija, kull waħda mill-partijiet għandha tbati l-ispejjeż tagħha."

45 — Skont il-prinċipju ġenerali li r-regoli tal-proċedura l-ġodda jkunu applikabbli għall-kawżi pendenti kollha fil-mument li huma jidħlu fis-seħħ (ġurisprudenza stabbilita, ara pereżempju, is-sentenza tat-12 ta' Novembru 1981, Meridionale Industria Salumi *et* (212/80 sa 217/80, Ġabra p. 2735, punt 9), f'dan il-każ, id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż hija rregolata mir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Settembru 2012, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2012 [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Il-Kunsill vs Bamba (C-417/11 P, punti 91 sa 92). Madankollu, ma hemmx differenza fuq il-mertu mad-dispożizzjonijiet ikkombinati tal-Artikolu 69(2) u tal-Artikolu 118 kif ukoll tal-Artikolu 122(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Ġunju 1991.